MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 478/2007

Kawza fil-lista: 48

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:-

1. Illi l-attur zzewweg lill-konvenuta fit-28 ta’ April, 2006, minn liema zwieg m’ ghandhomx tfal.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

5. Illi l-partijiet, ghalkemm m' humiex interdetti jew morda b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

6. Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Att dwar iz-Zwigijiet (Kapitolu 255) tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-28 ta' April 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjalii tal-partijiet kien vizzjat

fit-termini tal-paragrafi [d][f][g] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwg fit-28 ta' April 2006 meta allura l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 23 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa seba' snin. Wara konvivenza matrimonjali ta' sena, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali biex tkompli r-relazzjoni li kellha ma ragel iehor, liema relazzjoni kienet bdiet qabel iz-zwieg, kompliet fiz-zwieg, u baqghet ghaddejja anke wara li l-partijiet isseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tispjega li qabel iz-zwieg, ghalkemm l-attur "kien insistenti hafna u ried li jizzewweg zghir, u anke jkollu t-tfal … minn naha tieghi jiena ma kontx ihossni ppreparata".[1]u biex tevita l-glied fuq dan il-punt "jiena ddecidejt li nhallih jghid, u nghix hajti." Madwar is-sena 2004, u allura qabel iz-zwieg, "jiena kont ghamilt hbieb ma guvni fuq ix-xoghol fejn kont nahdem, u kont inhossni vera kuntenta fil-kumpanija tieghu…. Maz-zmien bdejt ninduna li kont qieghda inhoss emozzjonijiet lejn dan il-guvni u emozzjonijiet li qatt ma hassejt lejn William … [izda madanakollu], bqajt ghaddejja bil-preparamenti tat-tieg, u sa dan it-tant komplejt il-hbiberija ma' l-guvni kollega tieghi … Il-gurnata tat-tieg kong veru mdejjqa, xtaqt li ma mmurx ghat-tieg specjalment xtaqt li ma kontx ser nizzewweg lill William."

Fid-depozizzjoni taghha, il-konvenuta tikkonferma li r-relazzjoni ma' dan il-guvni kienet tezisti fiz-zmien taz-zwieg u anke wara li l-partijiet izzewwgu. Hija kompliet din ir-relazzjoni, allura extra konjugali, sakemm wara sena mid-data tat-tieg hija telqet mid-dar matrimonjali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qoti**

Illi l-Qorti tosserva li ma hemmx dubju li f' dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta'

---

[1] Aff. Fols.10 et seq.

l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenuta, stante li din, ghalkemm esternament ghaddiet minn ceremonja ta' zwieg, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta taghha hija eskludiet iz-zwieg ma' l-attur.

Illi minn naha ta' l-attur din il-Qorti ma tara xejn censurabbli. Huwa zzewweg lill-konvenuta ghax kien ihobbha, ried jizzewwigha biex jibni familja maghha, u jkollu t-tfal fiz-zwieg minnha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' April 2006.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------